

**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000007/2022**

**lill-Kummissjoni**

Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

**Cristian-Silviu Buşoi**

f'isem il-Komitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Suġġett: Il-prezzijiet jiżdiedu tal-enerġija u l-manipulazzjoni tas-suq fis-suq tal-gass

Il-prezzijiet tal-gass fossili laħqu l-ogħla livell f'Diċembru 2021 meta kienu 4 darbiet u nofs ogħla minn dawk ta' Jannar 2021, u kienu mmexxija mid-dinamika globali tal-provvista u d-domanda, u aggravati minn fatturi marbuta mal-pandemija u mat-tensjonijiet ġeopolitiċi, flimkien ma' importazzjonijiet anqas milli mistennija ta' gass fossili fl-Ewropa, speċjalment mir-Russja. Dan wassal biex il-ħażna tal-gass fossili laħqet livelli aktar baxxi mill-medja u prezzijiet għoljin tal-enerġija, li rriżultaw frati dejjem jiżdiedu ta' inflazzjoni madwar l-Unjoni.

Hekk kif l-ekonomija qed tibda tirkupra mill-pandemija, l-UE u l-Istati Membri jeħtiġilhom isibu soluzzjonijiet strutturali biex jiproteġu u jappoġġaw lill-unitajiet domestiċi kif ukoll lill-industriji u l-intrapriżi tal-UE, speċjalment l-SMEs u l-mikrointrapriżi. Għal dan il-għan, it-tfassib dwar l-esponiment kbir tal-Unjoni għas-swieq internazzjonali tal-gass, għal uħud mill-fornituri, u għal tentattivi ta' manipulazzjoni tas-suq jew spekulazzjonijiet foloz, jeħtieġ li jiġu indirizzati.

1. X'inhuma s-sejbiet preliminari tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni dwar imġiba antikompetittiva possibbli fis-suq tal-gass u meta se jsiru pubbliċi dawk il-konklużjonijiet?
2. Twettqet valutazzjoni dwar l-effettività tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2009/73/KE u tad-Deċiżjoni relatata mal-każ AT.39816 fit-tnaqqis tar-riskji għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Istati Membri?
3. Il-livelli attwali tal-ħażna tal-gass fossili jaggravaw il-vulnerabbiltà tal-UE għall-pressjonijiet esterni fiż-żmien qasir? Hemm definiti limiti speċifiċi għal-livelli tal-ħażna?
4. X'bidliet konkreti fl-istruttura tas-suq fil-livell tal-UE jistgħu jippermettu lill-Istati Membri jiproteġu lill-konsumaturi mill-volatilità tas-suq internazzjonali tal-gass fil-futur?
5. X'azzjonijiet konkreti se tieħu l-Kummissjoni biex tinforma aħjar liċ-ċittadini tal-UE dwar il-kawżi taż-żieda drammatika fil-prezzijiet tal-enerġija li qed ibatu minnha?

Imressqa: 3.3.2022

Skadenza: 4.6.2022